


# Abram Gatt

## (1863 - 1944)

## *60 Sena minn Mewtu...*

kitba ta' Silvio Cassar



Abram Gatt twieled f'Bormla fl-4 ta' Ottubru, 1863 minn Ġużeppi Gatt u Reġina Cassar. Għalkemm hu kien magħruf bħala Abram, l-ewwel isem tiegħu fil-magħmudija kien Lorenzo.

L-ewwel studju tiegħu f'dik li hija teknika ħadha proprju f'Bormla fi skola mmexxija mill-magħruf Pittur Lazzaro Pisani. Għamel xi studji wkoll għand Carlo Darmanin, artist ieħor magħruf Senglean. L-ewwel disinji tiegħu taw xhieda ta' kapaċità artistika kbira.

Abram kien nisrani prattikanti u devot tal-Madonna. Kellu karattru kwiet u mill-aktar umli u qatt ma fittex unuri u ftaħir tant li kien jiġbed is-simpatija ta' kulħadd kemm fix-xogħol tiegħu fit-Tarzna u kemm waqt ix-xogħol artistiku li kien jagħmel għal diversi knejjes madwar Malta. Kien bniedem ċajtier u nsibu xi stejjer ħelwin dwaru. Ta' min isemmi meta għamel lira tad-deheb minquxa fl-injam li meta fl-1921 ġie l-Prinċep ta' Wales fit-Tarzna, l-Ammirall Ingliż ried jagħtih tifkira. Għalhekk qabbad lil Abram sabiex jagħmillu xi ħaġa xierqa għall-okkażjoni. Dan Abram naqqax lira tad-deheb fl-injam bi preċiżjoni kbira tant li meta poġġewha ħdejn waħda ta' veru u staqsew lill-Prinċep ta' Wales liema hija l-waħda t-tajba, il-Prinċep qabad dik li għamel Abram Gatt. Tant kienet eżatta li saħansitra anke għall-piż ħaseb.




Abram Gatt kien joqgħod fi Triq l-Oratorju, Bormla. Matul il-gwerra dawk l-inħawi tal-madwar inkluż id-dar ta' Abram ġew imġarrfa u għalhekk min jaf kemm intraddmu u ntilfu disinji u bċejjeċ ta' pitturi ta' dan l-artist. Minħabba l-periklu tal-gwerra kien mar joqgħod Ħaż-Żebbuġ fejn miet nhar it-28 ta' Marzu, 1944.

Abram Gatt għamel bosta opri f'diversi knejjes. Fost l-aqwa nsibu l-istatwa ta' San Ġużepp li saret fl-1903 u qiegħda fil-parroċċa ta' Bormla, il-pedestall tal-Madonna tal-Karmnu tas-Santwarju Karmelitan tal-Belt Valletta, it-tużell ta' Ħaż-Żebbuġ, il-ventaltar tal-parroċċa tar-Rabat, fost ħafna aktar disinji oħra ta' trieħi tal-bellus, gandlieri, ventaltari u kull xort'oħra ta' dekorazzjonijiet għall-knejjes madwar pajjiżna saħansitra wkoll Għawdex. Il-bażilika tax-Xagħra fost l-aktar li gawdiet fejn insibu l-famuż ventaltar, it-terħa tar-rakkmu ta' l-altar maġġur u d-disinn tal-mazza tal-Kapitlu. Id-Ditta *Ghezzi* ħadmet diversi xogħlijiet fuq disinji tiegħu wkoll għall-bażilika ta' San Ġorġ f'Għawdex.

Abram kien imħarreġ ukoll fix-xogħol tal-kartapesta. Insibu l-istatwa tal-Veronika u Kristu msallab li qegħdin fil-parroċċa ta' Bormla. Kien ħa ħsieb diversi modifikazzjonijiet ta' statwi titulari li jinsabu mxerrdin f'diversi parroċċi. Ibda minn dik tal-Kunċizzjoni ta' Bormla, ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u l-istatwa ta' Marija Annunzjata meqjuma fil-parroċċa tagħna f'Ħal Balzan. Fl-1930, fi żmien il-Kappillan Dun Franġisk Saverju Zahra, l-istatwa tal-Lunzjata reġgħet ġiet indurata u sgraffita mill-ġdid. Ġiet indurata mid-Ditta *Coleiro* tal-Belt Valletta imma t-tibdiliet ta' l-istatwa saru proprju fuq disinn ta' Abram Gatt u esegwiti mill-Iskultur Manuel Buhagiar ta' Raħal Ġdid. Dan it-tibdil kien jikkonsisti li flok il-vażun bil-ward saret banketta bi ktieb fuqha, il-ġwienaħ ta' l-Arkanġlu Gabriel saru akbar u dawk li kellu

tqiegħdu ma' San Mikiel u l-brazzi tal-fidda li kienu quddiem l-istatwa mqabbdin mal-pedestall tneħħew. Saret modifikazzjoni fil-pedestall ukoll. Ftit snin wara sar ukoll bankun ġdid li għandna llum fuq disinn ta' Abram Gatt xogħol ta' l-istess Manwel Buhagiar. Kritiċi jgħidulek li l-istatwa tneħħietilha d-dehra barokka li l-iskultur Mosti Mastru Salv Dimech naqqax fl-injam. Però naħseb li kollox ma' kollox, il-kappillan ta' dak iż-żmien kien għaqli biżżejjed li għażel lil Abram Gatt sabiex jagħti dehra oħra moderna li tixraq għaż-żminijiet tal-lum lill-istatwa tant għażiża għalina l-Balzanin.

Bhala restawratur Abram Gatt għamel restawr fuq l-istatwa ta' San Publiju meqjum fil-Furjana, fuq l-istatwa ta' Sant'Andrija ta' Ħal Luqa fl-1913 u għamel restawr fuq il-pittura ta' Prof. Virgilio Monti ġewwa Bormla.

Bix-xogħlijiet li aħna lkoll ingawdu bis-saħħa ta' dan il-ġenju Abram Gatt, ftit jista' jintesa. Anke aħna l-Balzanin għandna nkunu kburin li nipposjedu xi ħaġa attribwita lil Abram Gatt proprju f'dik li hija l-aktar opra artistika u importanti li għandna fil-knisja parrokkjali. Il-mafkar (bust) ta' Abram Gatt qiegħed eżattament fuq il-lemin tal-kolleġġjata ta' Bormla li kien sar minn Michael Mallia fuq inizjattiva ta' l-istoriku Joe Balzan.

**N.B.** Grazzi lis-Sur Joe Balzan għat-tagħrif storiku li għaddieli.